# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 3/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Abela talli fit-2 ta' Ottubru 2001 ghall habta tas-6.00 am (**1**) waqt li kien fuq il-bahar fuq *speed boat* fl-inhawi ta' l-Ahrax tal-Mellieha, waqt l-istagun miftuh ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq il-bahar, kien ghall-kacca jew ipprova jikkaccja u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi, numru tas-serje S-72028, u munizzjoni minghajr ma kellu licenzja ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq il-bahar; u aktar (**2**) talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew [taht] il-kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi, numru tas-serje S-72028, u munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzi tal-armi u tal-kacca ghal mhux inqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Paul Abela mhux hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u lliberatu minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-9 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi precizat li f'dan il-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt, u dan kif jirrizulta car kemm mir-regolament 25(5) tar-Regolamenti ta' l-

1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg (A.L. 146/1993) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll mill-Artikolu 30 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Huwa veru li f'paragrafu minnhom l-appellant jghid li l-ewwel qorti ghamlet "enuncjazzjoni zbaljata u inetrpretazzjoni erronea tal-ligi"; pero` jekk wiehed jara il-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tar-rikors ta' appell – u cioe` il-paragrafu fejn hemm spjegat l-aggravju jew aggravji – l-appellant jilmenta car u tond dwar "fatt" aktar milli dwar punt ta' dritt meta jghid *"Inoltre, l-appellat ma kellux licenzja biex izomm arma fuq il-bahar".* Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat Paul Abela, u cioe` li f'dan il-kaz <u>mis-sentenza</u> ma tirrizulta ebda enuncjazzjoni u interpretazzjoni erronea tal-ligi, ghalkemm fattwalment korretta, ma hix ta' ostakolu ghall-appell ta' l-Avukat Generali.

Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi huma, brevement, is-segwenti: fil-gurnata, hin u post indikati fl-imputazzjoni l-appellat kien fuq *speed boat*, misjuqa minn habib tieghu, xi mitt metru 'l barra mill-Ahrax tal-Mellieha. Huwa kellu mieghu senter, li kien fil-ghata tieghu u mhux ikkargat, u sebgha w ghoxrin skartocc. Mistoqsi mill-pulizija li tela' fuq l-i*speed boat* x'kienet qed taghmel l-arma hemm, l-appellat wiegeb "ghal xi papra". Meta l-appellat xehed quddiem din il-Qorti, huwa fisser li kien mar ma' siehbu bl-i*speed boat* b'kumbinazzjoni dik il-gurnata, fis-sens li proprjament dik il-gurnata kien intenzjonat li jmur ghal kacca fuq l-art; izda meta ltaqa' ma' siehbu li kien sejjer ghall-lampuki u dan stiednu jmur mieghu, l-appellat hekk ghamel, u ha s-senter mieghu biex ma jhalliehx fil-karozza minn fejn seta' jinsteraq. Huwa jghid li lill-pulizija huwa kien qallu li s-senter kien mieghu fuq l-i*speed boat* kemm biex ma jinsteraqlux kif ukoll "ghal xi papra". L-appellat kellu licenzja biex izomm senter kif ukoll biex igorr senter ghall-kacca <u>fuq l-art</u> (ara l-kopja tal-licenzja a fol. 3).

L-appellat jikkontendi li galadarba huwa kellu dik il-licenzja huwa seta jikkaccja anke fuq il-bahar peress li, skond hu, id-distinzjoni bejn licenzja ghall-kacca fuq l-art u licenzja ghall-kacca fuq il-bahar hija wahda purament amministrattiva li ma tirrizultax mill-ligi (ara n-nota responsiva tal-appellat tas-6 ta' Marzu, 2002). L-appellat, pero`, m'ghandux ragun. Il-htiega ta' licenzja specifikatament biex wiehed ikun jista' "jikkaccja jew jipprova jikkaccja minn fuq xi opra tal-bahar" tohrog car mir-regolament 9(2)(e) tal-A.L. 146/1993 aktar 'l fuq imsemmi, kif ukoll mill-partita 7 tal-Ewwel Parti ta' l-Ewwel Skeda tal-*Police Licences Regulations* (Notifikazzjoni tal-Gvern 846/1949). In fatti, filwaqt li l-licenzja ghall-kacca ta' ghasafar minn fuq l-art hija ta' tnax-il lira, dik ghall-kacca minn fuq opra tal-bahar hija ta' tletin lira. Bl-ammissjoni tieghu li huwa kien qed igorr l-arma <u>anke</u> "ghal xi papra", l-appellat kien kjarament qed jipprova jikkaccja[1] minn fuq opra tal-bahar meta ma kellux licenzja ghal dana l-fini mill-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.

[1] Ara, dwar l-espressjoni "tipprova tikkaccja" is-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Settembru, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Vella***.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi. Din id-disposizzjoni tikkontempla s-sitwazzjoni fejn persuna jkollha fil-pusses jew kontroll taghha, jew ikollha f'idejha jew fuqha, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dak li ried jolqot il-legislatur b'din id-disposizzjoni huwa l-garr ta' armi tan-nar u munizzjon fl-apert (cioe` mhux f'xi fond) minghajr id-debita licenzja. Ghalhekk hawnhekk ma tidholx il-kwistjoni tal-kacca, sia jekk minn fuq il-bahar jew minn fuq l-art. Dak li wiehed irid jara hu jekk l-appellat kellux licenzja biex igorr arma (u/jew munizzjon) <u>barra minn fond jew post li jaghmel mieghu</u>. Il-licenza a fol. 3 tal-atti kjarament tissodisfa r-rekwizit tal-Artikolu 3(1A), fis-sens li huwa kellu licenzja biex igorr arma u, *a fortiori*, munizzjon <u>barra minn fond jew post li jaghmel mieghu</u>. Jekk, oltre dak il-garr, wiehed jaghmel xi uzu hazin minn dik l-arma u munizzjon, dik hija kwistjoni ohra li tezorbita mill-ambitu ta' l-Artikolu 3(1A). Ghalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta ma sabitx lill-appellat hati skond it-tieni imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u torrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Paul Abela mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, u minflok issibu hati skond din l-imputazzjoni, u, wara li rat ir-regolamenti 9(2)(e) u 25 tal-A.L. 146/1993, tikkundanna lill-imsemmi Paul Abela multa ta' sebghin lira (Lm70), tordna l-konfiska tas-senter (Luigi Franchi nru. S-72028) u tal-munizzjon ezibiti, u tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jikseb licenzja ghall-kacca ghall-periodu ta' sena mill-lum; u (b) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Aldo Testone
Dep. Registratur